**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

2 ta' Lulju, 2023

# X'TGĦALLIMT FUQ PIETRU U PAWLU

Qiegħed nikteb it-Tlieta ta' qabel is-Solennità ta' San Pietru u San Pawl. Imma dak li rajt u smajt s'issa swieli ta' ġid għax tgħallimt ħafna. L-ewwel net irrid insemmi l-produzzjoni "Min aħna?" li ttellgħet fil-knisja nhar is-Sibt 10 ta' Ġunju. Kull min kien preżenti ħareġ mill-knisja b'xi ħaġa aktar ġewwa qalbu dwar il-figuri ta' San Pietru u San Pawl. Nista' ngħid li l-atturi għaddewlna katekeżi fuq l-Appostli bil-ħajja u l-kitbiet tagħhom. U hawnhekk nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali tan-Nadur li investa f'din il-produzzjoni li tifforma u tibni.




Għoġbitni ħafna l-prietka tal-ewwel jum tat-Tridu, fejn San Pietru u San Pawl intwerew li kisbu l-kobor tagħhom propju mill-mument minn xħin għarfu d-dgħufija tagħhom u xħin kienu kapaċi jindmu u jikkonvertu.

Biex niċċajtaw ngħidu li wara l-festa jibqgħu l-karti u l-kontijiet. Imma l-festa dejjem hija mument li fih joħroġ l-aħjar li hemm fil-komunità. Tara kemm mijiet ta' persuni jifirħu u jferrħu. Ta' dan kollu nroddu ħajr lil Alla. Imma nibqgħu nistaqsu lilna nfusna, "Min aħna?" u bl-umiltà kollha nippruvaw inkunu bħal Pietru u Pawlu.... ta' Kristu Ġesù.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**ĦINIJIET ĠODDA FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** Minn nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju fil-Museum tas-subien ser ikun hemm shift wieħed. Il-lezzjonijiet minn Year 1 sa Form 5 jibdew kollha fis-7:00pm u jintemmu fis-7:30pm. It-tfal tal-Primarja jkollhom il-logħob bejn is-6:15pm u s-7:00pm filwaqt li l-istudenti tas-Sekondarja jkollhom il-logħob wara l-lezzjoni bejn is-7:30pm u t-8:20pm. Għeżież ġenituri ħeġġu lil uliedkom sabiex ma jitilfux dawn l-okkażjonijiet ta' tagħlim, formazzjoni u logħob.

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju mhux ser jiltaqa' bħas-soltu, iżda sejrin bil-vann ir-Rabat għand is-Sorijiet Franġiskani fejn se tiġi ċċelebrata Quddiesa fil-kappella tagħhom fejn hemm midfuna l-Venerabbli Madre Margerita. Wara jkun hemm waqfa għand is-Sorijiet, imbagħad vista lis-Santwarju Ta' Pinu, imbagħad Marsalforn għall-pranzu. Tluq bil-vann fit-8:30am minn fejn il-knisja. Kulħadd hu mistieden.

**BBQ F'DAR DUN FRANĠISK:** nhar il-5 ta' Lulju l-kumitat Dun Franġisk se jorganizza BBQ bil-mużika live fil-ġnien tad-Dar Dun Franġisk. Akkwistaw il-biljetti mingħand Antonia Sammut jew Joe Said. Prezz tal-biljett huwa ta' €15. Il-qligħ ser imur biex itaffi l-ispejjeż tal-festa.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, fil-5:00pm.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju, taħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija, hawn fil-knisja, wara l-quddiesa tal-5:00pm ikun hawn is-siegħa tal-Ħniena Divina. Mitlubin ninġabru madwar Ġesù, nitolbuh il-ħniena tiegħu fuqna u fuq id-dinja kollha.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am